MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 34/2001/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Josephine Azzopardi**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn qed jesponu:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-ftehim datat 14 ta' Frar 2001, fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'H'Attard/Mosta tal-kejl ta' amdwar 1,701 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, u mill-Majjistral ma' proprjeta' Anna Said, ta' elf u sebghin Lira Maltija (Lm1,070) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&C.E. tal-25 t'Ottubru, 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 2001, l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra r-risposta tal-intimata li tghid hekk:

Illi l-kumpens xieraq huwa l-prezz li l-proprjeta' kien igib fis-suq;

Tenut kont tad-daqs u s-sit tal-art in kwistjoni, kumpens ta' elf u sebghin Lira Maltija (Lm1,070) ghall-porzjoni art tal-kejl ta' 1,701 metri kwadri m'huwiex il-prezz tas-suq u l-prezz tas-suq ghandu jkun mill-anqas ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) u dan tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-proprjeta' in kwistjoni u l-potenzjal taghha u l-fatturi kollha li jaffettwaw is-suq ta' proprjeta mmobiljari;

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord  assenjati sabiex jassistu u jiffurmaw parti minn dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti f'dawn l-atti ikkonkludew illi l-art ghandha tkun meqjusa bhala wahda agrikola u li l-valur gust ta' kumpens ghandu jkun fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, seba mija tlieta u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€23,773.58), liema konkluzzjoni tinsab fir-relazzjoni tal-istess periti akkluza u formanti parti minn din is-sentenza;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat jitrasferixxi b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art f'H'Attard/Mosta tal-kejl ta' amdwar 1,701 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, u mill-Majjistral ma' proprjeta' Anna Said, liema art qed tkun dikjarata agrikola, u dan bil-kumpens ta' tlieta u ghoxrin elf, seba mija tlieta u sebghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€23,773.58), oltre l-imghax skond il-ligi.  Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-6 t'Ottubru 2010 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi  LL.M., LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrfa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit lill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------